

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Visán Industrias Zootécnicas, SL (Arganda, Spanja) (rappreżentant: P. Alesci Naranjo, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Ġunju 2016 (Każ R 229/2016–2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Visán Industrias Zootécnicas u Cotécnica.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Cotécnica, SCCL, hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).
- 3) Visán Industrias Zootécnicas, SL, għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 371, 10.10.2016.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2017 – von Blumenthal et vs BEI

(Kawża T-558/16) <sup>(1)</sup>

(“*Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjoni u ta' progressjoni salarjali — Eċċezzjoni ta' illegalità — Ugwaljanza fit-trattament — Responsabbiltà*”)

(2018/C 013/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Henry von Blumenthal (Bergem, il-Lussemburgu), Marc D'Hooge (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu), Giulia Gaspari (il-Lussemburgu), Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u Dalila Bundy (Cosnes-et-Romain, Franza) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: inizjalment C. Gómez de la Cruz, G. Nuvoli u T. Gilliams, sussegwentement T. Gilliams u G. Faedo, aġenti, assistiti minn P.-E. Partsch, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet, inklużi fir-rendikonti tas-salarju ta' April 2015 u dawk sussegwenti, li japplikaw għar-rikorrenti d-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tas-16 ta' Diċembru 2014 u d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-4 ta' Frar 2015, kif ukoll tar-rendikonti dwar l-ippremjar tal-prestazzjoni stabbiliti f'April 2015 favur ir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, sabiex il-BEI jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti, l-ewwel nett, somma li tikkorrespondi għad-differenza bejn l-ammont tar-remunerazzjonijiet imħallsa skont id-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq u dak tar-remunerazzjonijiet dovuti skont l-impennji tal-BEI u, it-tieni nett, danni materjali minħabba t-telf tal-kapaċità ta' akkwist tagħhom u danni morali li r-rikorrenti allegatament ġarrbu.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Henry von Blumenthal, Marc D'Hooge, Giulia Gaspari, Patrick Vanhoudt u Dalila Bundy huma kkundannati għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 414, 14.12.2015 (kawża inizzjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-99/15) u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-01.09.2016).

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2017 – PF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-617/16) (<sup>1</sup>)

*(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta’ promozzjoni 2015 — Artikolu 43 u Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Obbligu ta’ motivazzjoni — Eżami komparattiv tal-merti — Użu tal-lingwi fil-kuntest tal-funzjonijiet eżerċitati minn amministraturi assenjati f’funzjonijiet lingwistiċi u minn amministraturi assenjati f’funzjonijiet mhux lingwistiċi — Assenzi ġġustifikati — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)*

(2018/C 013/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: PF (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u C. Berardis-Kayser, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD 8 fil-kuntest tal-proċedura ta’ promozzjoni 2015.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *PF huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 371, 10.10.2016 (kawża inizzjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-47/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2017 – HD vs Il-Parlament**

(Kawża T-652/16 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance tal-edukazzjoni — Projbizzjoni tal-kumulu ta’ allowances tal-istess natura — Talba għal irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament — Protezzjoni tad-data personali — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2018/C 013/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: HD (rappreżentant: C. Bernard Glanz, avukat)